# Il-Ħames Ħadd taż-Żmien ta’ Matul is-Sena

## Qari I

*Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art.*

Ġob 7, 1-4.6-7

**Qari mill-Ktieb ta’ Ġob**

Ġob tkellem u qal:
1«Ħajjet il-bniedem mhix forsi xogħol bilfors fuq l-art?
U għomru mhux bħal jiem il-ħaddiem mikri?

2Bħalma lsir jixxennaq għad-dell,
u bħalma l-mikri jistenna l-ħlas,
3hekk xhur fiergħa kienu sehmi,
u ljieli dwejjaq messew lili.

4Jekk nimtedd, ngħid: “Meta se nqum?”
u meta nqum, ngħid: “Meta se jidlam?”
u hekk nixba’ nhewden sa ma jidlam.

6Eħfef minn mekkuk għaddew jiemi,
u bla tama ntemmu.

7Ftakar li ħajti buffura riħ,
u għajnejja ma jerġgħux jaraw ir-riżq.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 146 (147), 1-2.3-4.5-6

R/. (ara 3a): Faħħru l-Mulej, li jfejjaq il-qlub maqsuma

[1]Faħħru l-Mulej, għax tajjeb li tgħanni lil Alla tagħna;
għax ħelu u xieraq it-tifħir tiegħu.
[2]Jibni 'l Ġerusalemm il-Mulej,
jiġma' l-imxerrdin ta' Iżrael. R/.

[3]Hu jfejjaq il-qlub maqsuma,
hu jorbot il-ġrieħi tagħhom.
[4]Hu jgħodd in-numru tal-kwiekeb;
kollha jsejħilhom b'isimhom. R/.

[5]Kbir Sidna l-Mulej, u ta' qawwa kbira;
bla tarf id-dehen tiegħu.
[6]Jerfa' l-imsejknin il-Mulej,
u jniżżel sal-art il-ħżiena. R/.

# Qari II

*Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju.*

1 Kor 9. 16-19.22-23

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [16]jekk jiena nxandar l-Evanġelju ma għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan. Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju!

[17]Jekk dan nagħmlu minn rajja, ikolli dritt għall-ħlas; imma jekk nagħmlu għax obbligat, dan ifisser li qiegħed nagħmel ix-xogħol li
Alla fdali f'idejja. [18]X'inhu mela l-ħlas tiegħi? Li meta nxandar l-Evanġelju, inxandru b'xejn, bla ma nfittex id-dritt li jagħtini l-Evanġelju stess.

[19]Għax għad li ma jiena marbut ma' ħadd, jien għamilt lili nnifsi lsir ta' kulħadd biex nirbaħ lil ħafna.
[22]Sirt dgħajjef mad-dgħajfin, biex nirbaħ id-dgħajfin. Sirt kollox ma' kulħadd, biex insalva lil kulħadd.
[23]Nagħmel dan kollu minħabba l-Evanġelju biex ikolli sehem minnu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Mt 8, 17

Hallelujah. R/. Hallelujah
Kristu rafa' fuqu d-dgħufija tagħna,
u tgħabba bil-mard tagħna.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ġesù jfejjaq ħafna morda minn bosta mardiet.*

Mk 1, 29-39

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark

F'dak iż-żmien, Ġesù u d-dixxipli [29]ħarġu mis-sinagoga u baqgħu
sejrin ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì. [30]Issa omm il-mara
ta' Xmun kienet fis-sodda bid-deni, u malajr qalulu biha. [31]Resaq
lejha, qabadha minn idha u qajjimha. U d-deni ħallieha, u bdiet
isservihom.

[32]Filgħaxija, imbagħad, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu lil dawk
kollha li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan. [33]U quddiem
il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha. [34]U fejjaq ħafna morda minn kull
xorta ta' mard, u hareġ għadd kbir ta' xjaten li hu ma kienx iħallihom
jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien.

[35]L-għada filgħodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ u mar f'post
imwarrab u qagħad hemm jitlob. [36]Xmun u sħabu l-oħrajn marru
jfittxuh. [37]Kif sabuh, qalulu: «Kulħadd jistaqsi għalik.» [38]U qalilhom:
«Ejjew immorru band'oħra, fl-irħula tal-qrib, ħalli nippriedka
hemmhekk ukoll, għax għalhekk ħriġt.»

[39]U dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ
ix-xjaten.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu